MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 52

9 ta' Marzu 2016

Minuti tas-seduta Nru. 52 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ, Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti. Is-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti mingħajr emendi u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Reviżjoni ta' *bye-laws* K.L.B.L. 37/2/2009 dwar attivitajiet fil-beraħ (B/5/Vol IV)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 13.1. tas-seduta preċedenti fejn huwa kien stqarr li ma kinitx l-intenzjoni tiegħu li din ir-reviżjoni tiġi politiċizzata, u għaldaqstant huwa baqa' jsegwi r-reazzjonijiet li kien hemm b'riżultat ta' artikli li dehru fil-ġurnali. Kompla jgħid li, sfortunatament kompla jipprevali l-element politiku u għalhekk ħass li kellu jkompli jagħmel aktar konsultazzjonijiet. Kompla jgħid li ma' kull min tkellem kien tal-fehma li f'materja daqshekk sensittiva, l-element politiku għandu jiġi evitat u jsir tentattiv biex jinstab kompromess li permezz tiegħu l-pubbliku jitħallielu spazju biex jirrikreja ruħu, filwaqt li jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jinżammu livelli ta' sigurta` u ndafa, fiż-żewġ bajjiet ewlenin li jeżistu fil-lokalita`. Fid-dawl ta' dan, huwa ppropona li:

(i) Il-Bajja tal-Għadira tibqa' kif kienet fl-aħħar snin, ossija *barbecues* jibqgħu permessi biss fil-parti ċentrali (fuq il-blat), iżda mhux bl-użu ta' faħam jew ħatab;

(ii) *Barbecues* fil-Bajja tal-Mixquqa bl-użu tal-faħam u ħatab jiġu pprojbiti bil-għan li tkun tista' issir evalwazzjoni ta' l-effett li tħalli din il-miżura fuq il-ġenerazzjoni tal-iskart f'dan il-post, kif ukoll jiġi evitat it-tniġġiż ikkawżat b'din it-tip ta' attivita`; u

(iii) Rigward permessi u ħlasijiet marbuta magħhom, jibqa' kollox kif maqbul fis-seduti preċedenti.

2.1.3. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li, minn konsultazzjonijiet li huwa kellu ma' diriġenti ta' Nature Trust, ġie kkonfermat li l-*barbecues per se*` ma jaffettwawx direttament iż-żamma tal-istatus tal-Blue Flag, għalkemm li l-iskart li jiġi ġġenerat jista' ikollu effett, kemm-il darba ma jkunx hemm tindif pront u adekwat. Huwa qal fl-evalwazzjoni li saret qabel ingħata dan l-istatus mill-Foundation for Environmental Education – li hija bbażata fid-Danimarka – dejjem il-pożizzjoni tal-Għadira dejjem kienet fil-bilanċ jekk tingħatax jew le. Għaldaqstant ikun jagħmel sens li fl-Għadira jinqata' l-użu tal-faħam u l-ħatab anke fil-parti tan-nofs, filwaqt li għandhom jitjiebu l-prospetti li l-Bajja tal-Mixquqa tiġi elevata minn *Beach of Quality* għal *Blue Flag* bl-eliminazzjoni ta' *barbecues* bl-użu tal-faħam u ħatab.

2.1.4. Il-Kunsill qabel unanimanent mal-proposti mressqa mis-Sindku.

## 2.2.1. Servizz dwar tiswija tal-qtates (A/9)

2.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.2.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li wara ż-żjara li saret fil-garaxx li jifforma parti mill-kumpless ta' rziezet f'Selmun, hija kompliet il-kuntatti ma' min huwa nteressat li jagħti l-kontribut tiegħu f'din l-inizjattiva. Hija aċċennat li f'dawk li huma spejjeż, hemm dik ta' darba għall-gaġeġ u sussegwentement għall-għalf li jkun meħtieġ sakemm il-qtates jinżammu wara l-intervent. Intqal ukoll li hemm spiża oħra tal-ivjaġġar li jridu jagħmlu l-voluntieri, peress li l-klinika tal-veterinarji li jaħdmu bis-sistema tal-vowċer jinsabu f'San Ġwann u fis-Swieqi.

2.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li n-numru ta' qtates li jiġu trattati għandu jkun regolat skont il-Vot 3380 fl-Estimi 2016, li jammonta għal €2,000.

## 2.3.1. Introduzzjoni ta' dwal ornamentali fi Triq il-Parroċċa, Mellieħa (P/4/3/Vol IV)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.1. tas-seduta ta' qabel u talab li tiġi sospiża s-seduta sabiex ikun jista' jagħmel intervent l-Ing. Mario Galea minn Galea Curmi Engineering Consultants.

2.3.3. Is-Sur M. Galea qal li l-*bill of quantities* kien tħejja minn naħa tagħhom. L-istess dokument jipprovi għat-twaħħil ta' wieħed u għoxrin lanterna ornamentali b'lampi tat-tip SON, li jaqsmu minn naħal għal'oħra tat-triq. Huwa qal li dan il-proġett ġie stmat li jiswa €34,086. Spjega wkoll li qed tintalab garanzija mingħand il-kuntrattur ta' sentejn, filwaqt li l-manutenzjoni li tkun sussegwentement meħtieġa fuq il-lampa u l-*gear* li jmur magħha jaqgħu fuq il-kuntrattur tal-Kunsill li jkun responsabbli mill-manutenzjoni tad-dwal tat-toroq. Minkejja dan, il-kuntrattur li jissupplixxi u jinstalla d-dwal ser ikun marbut b'garanzija fuq il-lanterna *per se*`. Is-Sur Galea qal ukoll li tħejjiet simulazzjoni li turi kif ser ikun imqassam id-dawl.

2.3.4. Is-Segretarju staqsa dwar jekk itteħdux in konsiderazzjoni l-kriterji tal-*Green Public Procurement (GPP)* dwar id-dwal tat-toroq, u jekk dawn humiex obligatorji.

2.3.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal illi huwa mportanti li l-prodott mixtieq jiġi speċifikat b'mod ċar, sabiex jiġu evitati prodotti li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet, iżda li jkunu inferjuri f'dik li hija kwalita`.

2.3.6. Il-Viċi Sindku rrakkomanda li biex tiġi evitata s-sitwazzjoni ndikata fil-minuta 2.3.5., il-kuntratt jista' joħroġ bil-proċedura MEAT.

2.3.7. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li sabiex id-dokument tal-offerta jinħareġ bis-sistema MEAT, il-kriterji kollha, inkluż dawk tal-*GPP*, jeħtieġ li jiġu elekanti u jingħataw punteġġi skont l-importanza tagħhom. Biex jintlaħaq il-għan imsemmi fil-minuta 2.3.6., is-sejħa tista' issir bil-metodu taċ-*Cheapest Complaint*, iżda d-dokument tal-offerti jeħtieġ li jkun supplimentat bi *drawings, diagrams* eċċ, li jagħtu stampa aktar ċara x'qed jistenna l-Kunsill. Huwa fakkar li dan il-metodu ntuża fil-każ tal-lanterni li tqiegħdu fuq iz-zuniter ta' Misraħ il-Parroċċa.

2.3.8. Meta tkompliet is-seduta, il-Kunsill qabel li s-sejħa għandha ssir bil-proċedura *Cheapest Compliant*, filwaqt li għandha tinkludi kriterji dwar il-materjal, garanzija u dettalji grafiċi, filwaqt li ssir referenza għall-GPP Criteria, kemm il-darba dawn ikunu obbligatorji f'dan il-kuntest.

### 2.4.1. Sejħiet għall-offerti dwar proġetti ta' tisbiħ (P/4/17)

2.4.2. Is-Sindku għarraf li s-sejħiet għall-offerti dwar it-tisbiħ tat-turġien fi Triq il-Mitħna l-Qadima, Triq Sant' Anna u Triq San Publiju nħarġu u jagħlqu fl-14 ta' April 2016.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Ġbir ta' skart riċikklabbli mill-bajjiet tal-Għadira u tal-Mixquqa (K/6/11)

2.5.2. Is-Sindku għarraf li fit-18 ta' Frar 2016 saret laqgħa dwar is-suġġett t'hawn fuq li attendew għaliha rappreżentanti minn Nature Trust, l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, mill-Cleansing Service Directorate, u Green MT Ltd. Mill-istess laqgħa sar magħruf li l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu ser tipprovdi l-*bins* meħtieġa għas-separazzjoni tal-iskart, kemm fil-każ tal-Għadira, kif ukoll fil-Mixquqa, filwaqt li Green MT Ltd ser tidħol għat-tbattil tagħhom.

2.5.3. Il-Kunsillier P. Cutajar qal li spiss ikun hemm ilmenti dwar ir-rimi ta' drenaġġ mill-*yachts* u *cabin cruisers* li jidħlu fil-Bajja tal-Għadira. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li s-sidien ta' dawn l-opri jħallu ħafna boroż tal-iskart, partikularment fuq il-Moll tat-Tunnara.

2.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.6.1. Espressjoni ta' interess dwar ir-restawr u il-kustodja tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1)

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li s-sejħa għall-interess ħarġet u tagħlaq fit-28 ta' Marzu 2016 f'nofsinhar.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.7.1. Koperazzjoni mal-Muniċipalita` ta' Stara Pazova fis-Serbja (K/1/5/5)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 15.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li ġew ibbukkjati titjiriet fir-rigward tiegħu, il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv. Flimkien mad-delegazzjoni tal-Kunsill ser ikun hemm oħra mill-General Retailers and Traders Union.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.8.1. Kors fl-ewwel għajnuna (E/3/5)

2.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u ċċarat illi r-rata li jitolbu St. Bernard's First Aid & Safety Training Institute hija ta' €30 kull persuna u f'kaz ta' koppja €50. Hija staqsiet x'ikun is-sussidju tal-Kunsill fil-każ tal-aħħar.

2.8.3. Il-Kunsill qabel li jagħti sussidju ta' €5.00 kull persuna, irrispettivament jekk japplikawx bħala persuna waħda jew koppja miżżewġa.

### 2.9.1. *Corporate Citizen for Responsible Enterprises (CORE)* (K/11)

2.9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-minuta 4.7.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li fis-7 ta' Marzu 2016, hija flimkien mas-Sindku J. Buttigieg u l-Kunsillier J. Attard, kellhom laqgħa ma' Ms Maria Joao Filgueiras Rauch mill-CORE. Kompliet tgħid li l-laqgħa kienet intiża sabiex ikun hemm bdil ta' idejat dwar kif jista' jiġi żviluppat il-proġett flimkien ma' għaqdiet mhux governattivi u entitajiet kummerċjali. Il-CORE għandhom jgħaddu ittra sabiex tintbagħat mill-Kunsill lil dawn l-entitajiet, bil-għan li jiġu spjegati lilhom l-għan ta' din l-inizjattiva. Is-Sinjura A. Brincat Stellini, qalet li attwalment għad m'hemm ebda proġett definittiv billi qabel xejn jeħtieġ jiġi stabbilit min ser jieħu sehem fih.

2.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.10.1. Kompetizzjoni tas-*Snooker* (S/4/2/Vol III)**

2.10.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 19.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-finali tal-kompetizzjoni ndividwali tas-*Snooker,* li saret fit-3 ta' Marzu 2016 fis-sede tal-Għaqda Mużikali Imperial, kienet bejn John Farrugia u Robert Mangion, b'ta' l-ewwel jirbaħ bi *score* ta' 5-0.

2.10.3. Is-Sur H. Fenech ħa l-opportunita` biex jgħarraf lill-Kunsill illi l-*league* tad-*doubles* ser jibda fl-14 ta' Marzu 2016.

2.10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.11.1. Proġett – *Small Economies in a Globalized Europe* (P/10/1/Vol IV)**

2.11.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 20.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li l-applikazzjoni għall-finanzjament tal-proġett imsemmi hawn fuq, ġiet sottomessa u l-eżitu` tagħha mistenni li jkun magħruf f'April 2016.

2.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħif mogħti.

**2.12.1. *Town Twinning for Rural Development – A Great Opportunity for EU Citizens* (P/10/19)**

2.12.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 20.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li d-delegazzjoni li sejra Uri f'Sardinja ser tkun komposta, fost oħra, mill-kok Daniel Zammit li ser iħejji ikel Malti – qlub tal-qaqoċċ – għal 200 persuna għal jumejn. Ser jittieħed ikel tradizzjonali Malti, bħalma huwa għasel, gbejniet tan-nagħag, galletti u jammijiet. Iż-żeffiena minn Artemocion Dance Studio ser jipprovdi żfin folkloristiklu bil-kostumi u kant tradizzjonali Malti. Ser ikun hemm preżentazzjoni mis-Sur Neil Portelli mill-MUESAC dwar il-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li s-Sur Sammy Vella ser ikun ir-*rapporteur* fuq il-konklużjonijiet tal-*workshops* li ser ikun hemm. Il-Viċi Sindku kompla jgħid li l-grupp ser jinkludi wkoll żewġ bdiewa nisa mill-Manikata. Il-programm ser jinkludi żjara f'irżieżet għat-trobbija taż-żwiemel u ieħor tal-baqar.

2.12.3. Il-Kunsill awgura li ż-żjara tkun ta' suċċess u sservi biex isiru kuntatti ġodda u jiġġeddu oħrajn diġa mibdija.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash*;
- *Purchase Request Form* – 04/03/16;
- Skeda ta' Pagamenti – 13/02/16 – 04/03/16;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2015.

## 4.0. Korrispondenza

**4.1.1. Sewqan perikoluż fi Triq Selmun (T/3/2/Vol XII)**

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 16 ta' Frar 2016, mibgħuta mis-Selmun Residents Association, fejn irreferew għad-deċiżjoni meħuda fis-Seduta Nru. 48 tad-29 ta' Diċembru 2015 dwar proposta sabiex jiġu ntrodotti aktar *speed humps* fi Triq Selmun. Fl-imejl imsemmija, il-Kunsill intalab jirrikonsidra din id-deċiżjoni, peress li r-residenti huma iktar inkwetati bis-sewqan perikoluż li qed ikun hemm, milli bil-ħsejjes li jikkawżaw dawn il-miżuri. It-talba kienet forma ta' petizzjoni ffirmata minn għad ta' residenti.

4.1.3. Il-Kunsill ra t-talba mill-ġdid u ddeċieda li għandha ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta sabiex isiru *speed humps* fid-dħul għal Selmun qabel jibda il-bini, kif ukoll qrib il-kantuniera ma' Triq l-Imġiebaħ.

**4.2.1. Tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet fi Triq l-Għoljiet k/m Triq in-Naħal (T/4/10/Vol II)**

4.2.2. Saret referenza għal-applikazzjoni li saret mis-Sur David Bonanno sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet fuq il-bankina quddiem il-Billy's Restaurant fl-indirizz imsemmi.

4.2.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għat-talba sakemm jitħalla passaġġ ta' 1.5 metri wiesgħa bejn it-tarf tal-bankina u l-*area* fejn ser jitpoġġew l-imwejjed u s-siġġijiet.

**4.3.1. Tqegħid ta' *tower crane* fi Triq l-Etna (A/6/3/Vol 104)**

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 9 ta' Marzu 2016, mibgħut mis-Sur Attilio Briffa sabiex jitrama *tower crane* quddiem Nru. 38 Triq Etna, sakemm isir xogħol ta' kostruzzjoni fuq l-istess sit. Fl-istess imejl intalab li t-*tower crane* jitqiegħed: (a) eżatt biswit l-istess qatgħa; jew (b) jitqiegħed faċċata tagħha fuq art amministrata mill-Kunsill, fejn ma tiġix imgumbrata l-karreġġjata.

4.3.3. Il-Kunsill approva l-proposta (b).

**4.4.1. Penalty *shootout* (S/6/Vol IV)**

4.4.2. Saret referenza għal ittra datata 23 ta' Marzu 2015, mibgħuta mill-Mellieħa *Sports Club Football Nursery,* fejn talbu lill-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni tal-attivita` imsemmija li ser isseħħ fit-3 ta' April 2016.

4.4.3. Il-Kunsill qabel li jieħu sehem sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbiżx €300.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 4 ta' Marzu 2016.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal**

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-13 ta' Frar u l-4 ta' Marzu 2016

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda.

6.4. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

**7.1. Sistema tat-telefon u *server* tal-kompjuter fl-uffiċċju tal-Kunsill (I/1/3/Vol V**

7.2. Is-Sindku għarraf li saret laqgħa ma' l-Inġinier M. Galea minn Galea Curmi Engineering Consultants Ltd dwar it-tħejjija ta' dokument tal-offerta li jwassal għax-xiri tat-tagħmir imsemmi.

7.3. Is-seduta ġiet sospiża sabiex ikun jista' jagħmel intervent l-Ing. M. Galea. Huwa spjega li fatturi ewlenin dwar is-sistema tal-PAPX li qed tiġi proposta tinkludi l-fatturi segwenti:

- Tippermetti telefonati direttament ma' uffiċjali minn barra l-uffiċċju;
- *Recording* tat-telefonati;
- *Re-routing* għall-*voice mail / mobile / external numbers / operator*
- *Direct dialing*;
- *Hunting* minn *extension* għall-ieħor;
- *Broadcasting*;
- Faċilita` ta' *greeting* meta ma jkun hemm ħadd li jista' iwieġeb;
- *Speed dialing*; u
- *Intercom*.

7.4. Il-Kunsillier P. Cutajar qal li permezz ta’ *SIP line* jkun possibbli illi b’linja waħda jsiru diversi konversazzjonijiet telefoniċi fl-istess ħin. Din is-sistema taħdem permezz tal-internet.

7.5. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li s-sistema attwali ma’ tippermettix li ssir iktar minn telefonata waħda fl-istess ħin għal fuq linja mobajl.

7.6. Is-Segretarju qal li s-sistema attwali fil-fatt tippermetti li jsiru telefonati mobajl permezz tal-*tellular line* 79521666, pero` m’hemm xejn x’iżomm li s-sistema tiġi ssettjata sabiex tali telefonati jkunu jistgħu jsiru mil-linji fissi 21521333, 21523230, u l-21521666.

7.7. Meta tkompliet is-seduta, il-Kunsill iddeċieda li għandha tiġi mistħarġa l-possibilta` li tintalab sistema bil-faċilita` ta’ *SIP line*, UPS, mingħajr *recording*, flimkien mal-fatturi kollha ndikati fil-minuta 7.3. aktar ‘il fuq.

## 8.1. Ftehim dwar il-kustodja tax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija u tal-Batterija ta’ Westreme (Mużew tat-Tunnara) (A/6/7/2/Vol II)(P/4/4/Vol III)

8.2. Is-Sindku rrefera għall-ftehim li kien sar mal-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina dwar ix-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija u mal-Art Club 2000 dwar il-Batterija ta’ Westreme, fejn hemm il-Mużew tat-Tunnara. Huwa qal li dawn iż-żewġ ftehim skadew, filwaqt li l-Kunsill qatt ma kien infurmat eżatt kif dawn qed jitmexxew. Dan kien ikkawżat, primarjament għaliex il-Kumitati ta’ Superviżjoni msemmija fil-ftehim qatt ma ġew kostitwiti.

8.3. Il-Kunsill ġie mfakkar li fir-rigward tal-Batterija ta’ Westreme, il-kumitat kellu jkun kompost minn *Chairperson* u żewġ membri oħra, fejn il-*Manager* (Art Club) kellu d-dritt li jipproponi persuna sabiex tagħmilha ta’ membru. Il-Kumitat kellu jkun responsabbli mill-amministrazzjoni mal-post u żamma tar-rendikonti meħtieġa, filwaqt li jissottometti rapport kull erba’ xhur dwar il-proprjeta` lill-Kumitat ta’ Superviżjoni. Il-ftehim skada fi Frar 2008, minkejja li l-Art Club li ġew mitluba biex iġedduħ fl-istess sena.

8.4. Fir-rigward tax-Xelters, il-Kunsill ġie mfakkar li l-Kumitat ta’ Superviżjoni, kellu jkun magħmul minn *Chairperson*, maħtur mill-Kunsill u żewġ membri maħturin mill-*Manager* (l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina). Id-doveri tal-kumitat huma identiċi għal dawk tal-Batterija ta’ Westreme. F’dan il-każ il-ftehim skada f’Marzu 2014.

8.5. Wara aktar diskussjoni kien hemm qbil li ż-żewġ għaqdiet konċernati għandhom jiġu nfurmati li l-Kunsill beħsiebu jġedded il-ftehim bir-reviżjonijiet miftiehma bejn il-partijiet u jwaqqaf il-Kumitati ta’ Superviżjoni.

## 9.1. Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ (Z/1/Vol V)

9.2. Is-Segretarju rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta 48 tad-29 ta’ Diċembru 2015, meta ttieħdet deċiżjoni sabiex tintbagħat ittra liż-żgħażagħ kollha li jidhru fuq ir-Reġistru Elettorali tal-lokalita` fl-etajiet bejn 16 u 18-il sena. Dan sabiex jiġu nkoraġġiti jipparteċipaw fil-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ u finalment minnu tinħatar l-persuna li tingħata l-kariga ta’ Sindku. Din tkun tista’ taqdi wkoll il-funzjoni ta’ Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ u tattendi għas-seduti tal-Kunsill elett mir-residenti. Huwa qal li din l-inizjattiva tidher li ma ħallietx ir-riżultat mixtieq, billi ma kien hemm l-ebda rispons għaliha.

9.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jsir attentat ieħor wara l-pubblikazzjoni tar-Reġistru Elettorali rivedut f’April 2016.

## 10.1. Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2015 (F/1/1/Vol II)

10.2. Is-Segretarju aċċenna għar-rapport li tqassam qabel is-seduta. Huwa spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn Ottubru u Diċembru 2015 kien iktar mill-estimi b’€167,838. Minn naħa l-oħra l-infieq kien inqas mill-estimi b’€152,913. Kompla jgħid li meta jittieħed id-dħul kontra l-infieq, kif ukoll il-fondi diġa kommessi fl-istess perjodu, kien jifdal bilanċ pożittiv ta’ €187,328. Meta jitqabblu l-istess fatturi fuq sena sħiħa, jirriżulta bilanċ pożittiv ta’ €358,846.

10.3. Is-Segretarju fakkar li għad iridu jidħlu kontijiet relatati mal-asfaltar mill-ġdid ta' Triq Ramlet il-Qortin, kif ukoll dawk marbuta ma' l-iskemi ta' dwal ġodda fi Triq Għajn Żejtuna (isfel), ix-Xatt ta' Santa Marija u Triq il-Qasab. Huwa aċċenna li dawn ix-xogħlijiet waqgħu lura peress li l-kuntrattur konċernat kien impenjat fuq ix-xogħol ta' Triq il-Kosta kkummissjonat minn Transport Malta, u sussegwentement bit-tħejjijiet li kien qed jagħmel il-Gvern Ċentrali b'rabta maċ-CHOGM. Is-Sur C. Debono qal li attwalment qed issir iċ-ċertifikazzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet, filwaqt li l-kontijiet marbuta magħhom mistennija li jiġu sottomessi sal-aħħar ta' Marzu 2016.

10.4. Wara aktar diskussjoni, ir-rendikont finanzjarju ġie approvat u għalhekk is-Segretarju ntalab sabiex jippubblikah fis-sit elettroniku tal-Kunsill.

## 11.1. Għoti ta' kuntratt dwar bandli u *safety floor* għall-Ġnien il-Qigħan (P/2/1)

11.2. Is-Segretarju għarraf li fit-3 ta' Marzu 2016 instemgħa l-appell quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi. Huwa qal illi fost il-fatturi li ngħataw ċerta importanza waqt l-istess smiegħ kienu li:

(a) Ma ngħatatx raġuni għaliex l-Kunsill kellu l-intenzjoni li jagħti l-kuntratt lil Gokker Ltd, minkejja li seta' ntalab ir-rapport tat-*Tender Adjudication Board*, il-minuti tal-Kunsill. Minkejja wkoll li l-istess seduti illi fihom ġie trattat is-suġġett kienu ġew *streamed* fuq l-internet;

(b) Id-dokumenti tal-offerta kien jispeċifika li l-*playhouse* kellha tkun forma ta' vapur (*ship*), li fil-kjarifika li ngħatat lill-offerenti kollha ġiet preċiżata għal "*sea ship*". Skont ix-xhieda mogħtija mill-*Contracts Manager*, l-*options* kollha offruti minn J.G.C. Ltd kienu jissodisfaw dan il-kriterju. Minn naħa tal-avukat tal-Kunsill saret insistenza li l-Kunsill wasal għal għażla tal-offerta li saret minn Gokker Ltd mil-lat estetiku u d-daqs tal-*playhouse* li setet toqgħod ġo l-*area* ndikata fil-*bill of quantities*. Il-Bord deher li kien tal-fehma li dan il-fattur huwa wieħed soġġettiv u għaldaqstant il-kuntratt kellu jingħata lill-J.G.C. Ltd li għamlu l-irħas offerta li kienet tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija fid-dokument tal-offerta.

11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 12.1. Sejħa Nru. 8/2015 – Manutenzjoni u żamma ta' latrini pubbliċi (L/3/Vol II)

12.2. Is-Segretarju għarraf li fit-3 ta' Marzu 2016 ukoll instemgħu t-tliet l-appelli quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi. L-aktar fattur li sar aċċenn fuqu mill-Bord kien il-fatt li l-offerenti Highland Group Ltd u Antoine Fenech intalbu jissottomettu l-lista ta' deterġenti konformi mar-rekwiżiti tal-*Green Public Procurement*, waqt l-evalwazzjoni tal-offerti. Il-Bord deher li kien tal-fehma li la darba dawn ma kinux parti mis-sottomissjonijiet oriġinali, iż-żewġ offerenti msemmija kellhom jiġu eliminati mill-ewwel.

12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 13.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)

13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet illi l-ħarġa kulturali li jmiss issir fis-17 ta' Marzu 2016 u tkun lejn l-Fgura, fejn hemm wirja tal-Mejda tal-Appostli u l-Gudja fejn hemm wirja ta'kurċifissi. Hija qalet li l-prezz ser ikun €7.00 li jinkludi t-trasport.

13.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

## 14.1. Jum il-Libreriji (L/4/Vol III)

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li Jum il-Libreriji jaħbat nhar is-Sibt 23 ta' April 2016 u għaldaqstant ipproponiet li dakinhar tittella' attivita` fis-Sala Prof. Godfrey Wettinger li tinvolvi animazzjoni u rakkont tal-istejjer għat-tfal.

14.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**15.1. Siġurta` għat-tfal qrib l-Iskola Primarja (T/3/2/Vol XII)**

15.2. Is-Sindku għarraf li kien hemm laqgħa mal-President tal-Kunsill Skolastiku C. Bartolo u l-Kap tal-Iskola M. Cordina, fejn il-Kunsill intalab sabiex jikkonsidra l-għeluq ta' Triq Qasam Barrani waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal. Is-Sur J. Buttigieg qal li huwa oġġezzjona għal din il-proposta, minħabba li l-għeluq ta' Triq Qasam Barrani jikkawża staġnar tat-traffiku u nuqqas ta' spazju għall-ipparkjar. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li, minflok huwa ppropona li għandhom jsiru arranġamenti minn naħa tal-Iskola sabiex id-dħul u l-ħruġ isir mill-parkeġġ li hemm bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida. Għaldaqstant, l-aċċess għall-parkeġġ li hemm bejn Ġnejnet il-Kunsill u l-Iskola u l-ħruġ minnu bil-vetturi, ser ikun ristrett, permezz tal-*bollards* u ssir superviżjoni mill-Pulizija. Uffiċjali minn Transport Malta marru fuq il-post u mistennija jikkonsidraw il-proposta.

15.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-11.30pm u ġiet-aġġornata għal nhar it-Tlieta, 29 ta' Marzu 2016 fis-7.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**